**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, l-18 ta' Settembru 2024

**Il-Pulizija**
**vs**
**Kyle Robert Zammit**

Kumpilazzjoni nru 79/2024 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Kyle Robert Zammit,** iben James Albert Zammit u Anna Elizabeth Vella nee` Cachia, imwieled il-Pieta nhar it-2 ta' Settembru 2001 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 035030L;

Akkużat talli nhar it-22 ta' Jannar 2024 bejn it-15:00 u t-20:30hrs f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin f'ħinijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li kienu ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkaġuna lill-ommu u ċioe Anna Elizabeth Vella, biża li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha, u liema delitt sar bit-theddida ta' arma tan-nar;
2. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil ommu, u ċioe Anna Elizabeth Vella, jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
3. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika inġurja u/jew hedded lil ommu Anna Elizabeth Vella bi kliem;
4. Għamel użu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għall-persuna ta' Anna Elizabeth Vella u l-familjarji tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Kyle Robert Zammit b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-artikoli 338 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Rat illi waqt is-seduta tal-24 ta' Jannar 2024 l-imputat, debitament assistit mill-avukat tal-fiduċja tiegħu, wieġeb li huwa ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u kkonferma din l-ammissjoni wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bl-aktar mod solenni u b'lingwaġġ li jinftiehem, bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu, jirrikkonsidra d-dikjarazzjoni tiegħu u jerġa lura minnha.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Rat il-*pre-sentencing report* redat mill-Uffiċjal tal-Probation Mary Rose Farrugia preżentat fl-10 ta' Mejju 2024;

Rat illi waqt is-seduta tat-13 ta' Settembru 2024 il-partijiet iddikjaraw li qed jaqblu mal-piena suġġerita fil-*pre-sentencing report* u li kienu qed jistrieħu fuq il-kontenut tiegħu.

**Ikkonsidrat;**
Fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu.

Fir-rigward ta' piena, il-Qorti rat li l-imputat għandu fedina penali netta, salv għal sejbien ta' ħtija fuq pussess sempliċi ta' cannabis fl-2017. Il-Qorti tosserva f'dan ir-rigward illi fir-rapport tal-*pre-sentencing* jirriżulta li l-imputat jgħaraf li għandu problema ta' droga u anke li din għandha ħafna effetti ħżiena fuqu, inkluż billi tagħmlu paranojku, u jirriżulta li qiegħed isegwi pjan ta' kura taħt is-superviżjoni tal-Psikjatra Joseph Cassar. Għalhekk jidher li l-imputat jagħraf u u jaċċetta li għandu problema f'dan ir-rigward u qiegħed jieħu passi sabiex jindirizzaha.

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni inoltre li ma jidhirx li kien hemm xi inċident ieħor minn dakinhar tal-akkużi. Il-Qorti rat li l-imputat għaraf li dak li għamel

kien ħażin u li kellu attitudni ħażina lejn ommu, u esprima d-dispjaċir tiegħu dwar dan. Mill-*pre-sentencing report* jidher ukoll li l-vittma ħafret lill-imputat u li anke waqt dan il-każ hija kompliet ikollha kuntatt miegħu bit-telephone.

Għalhekk fil-fehma tal-Qorti il-piena suġġerita mill-Uffiċjal tal-Probation, u ċioe li l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation abbinat ma' Ordni ta' Trattament hija verament l-iktar piena idoneja fiċ-ċirkostanzi. B'mod partikolari, il-fatt li l-imputat kien kapaċi jirregola l-imġieba tiegħu biex ma jkunx hemm iktar inċidenti fil-mori ta' din il-kawża jagħti, li esprima d-dispjaċir tiegħu għall-akkadut u li għaraf li għandu problema ta' droga u li d-droga tagħmillu effetti ħżiena, iwassal lil Qorti biex tqis li l-prospett ta' riabilitazzjoni tal-imputat huwa għoli jekk l-imputat ikollu sapport u għajnuna biex jegħleb il-problemi li qiegħed jaffaċja. Ikkonsidrat dan, flimkien mal-fedina penali kważi netta tal-imputat, il-Qorti mhijiex tal-fehma li huwa xieraq u wisq anqas neċessarju li dan l-episodju itebba` l-kondotta tal-imputat u f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għal dak miktub mill-awtur Andrew Ashworth u ċioe li:

> "*An obvious mitigating factor is the previous good character of the offender: proportionality theory argues in favour of dealing more leniently with an offence that can be interpreted as an isolated lapse, recognizing human frailty and yet showing respect for the offender as a rational individual, capable of responding to the censure inherent in the sentence imposed.*"[1]

Wara kollox jidher li l-imputat għandu s-support tal-familja tiegħu, li anke kienu jattendu mal-imputat għas-seduti quddiem il-Qorti, u wkoll impjieg stabbli u qiegħed taħt il-kura tal-psikjatra Joe Cassar sabiex jindirizza l-problema ta' droga li għandu. Għaldaqstant il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi, kif suġġerit mill-Uffiċjal tal-Probation, l-aktar piena idoneja hija li l-imputat jitpoġġa taħt Ordni ta' Probation, u Ordni ta' Trattament. B'dan il-mod tkun qed tiġi assigurata r-riabilitazzjoni tal-imputat, filwaqt li l-imputat jingħata l-għajnuna meħtieġa sabiex isegwi l-pjan ta' kura meħtieġ biex jegħleb il-vizzju tad-droga.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 251B, 251H(b), 251H(g), 251HA, u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 49(a) u 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-akkużi

---

[1] A. Ashworth, *Sentencing and Criminal Justice* (Cambridge University Press, 2005) 163.

kollha dedotti kontra tiegħu u bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tpoggih taħt Ordni ta' Probation għal sentejn, skont it-termini msemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza.

Inoltre, l-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali għal sentejn, skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza.

Wara li rat l-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali Il-Qorti tordna li jinħareġ ordni ta' trażżin favur ta' Anna Elizabeth Vella kontra tal-imputat skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza, liema ordni qegħda ssir għal perjodu ta' sentejn.

Ai termini tal-artikolu 7(6) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara illi qabel ma għamlet l-ordni ta' *probation,* il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li jinftiehem x'inhu l-effett tal-ordni u li jekk jonqos milli jikkonforma ruħu mal-ordni jew jagħmel xi reat ieħor huwa jista` jingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri. Il-Qorti spjegat lill-ħati l-effett tal-Ordni ta' Trażżin u l-konsegwenzi legali jekk ma jikkonformax ruħu miegħu.

Il-Qorti tordna, ai termini ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Avukat Ġenerali tingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur